MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 133/2007/3

**Victoria Xuereb armla ta' Emanuel, Anthony D'Alfonso f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ohtu Maryanne Lama mart Gennaro Lama, Carmelo, Paul, Raymond u Rita Carabott mart Eugenio Carabott, aħwa D'Alfonso**

**v.**

**Angiolina Aquilina**

**<u>Il-Qorti</u>;**

Rat li dawn huma proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi u li giet deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-3 ta' Dicembru, 2010. Din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tirriproduci fl-intier taghha din is-sentenza ta' din il-Qorti, ghax minnha jirrizultaw it-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, id-decizjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, u ovvjament is-sentenza stess li tat din il-Qorti u li minnha qed tilmenta Victoria Xuereb, li qieghdha titlob ir-ritrattazzjoni. Din tal-ahhar qed tibbaza t-talba taghha fuq l-Artikolu 811(e)(f) u (g) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Id-decizjoni li tat din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, tghid hekk:

"**<u>Preliminari</u>**

"Dan huwa appell ad istanza tal-atturi li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, datata 2 ta' Ottubru 2008, billi tilqa' l-ewwel talba tal-atturi appellanti; u billi l-ewwel Qorti llimitat ruħha biss dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm dekadenza jew le da parti ta' Emanuele Refalo, tirrinvija l-atti mill-ġdid quddiem l-ewwel Qorti ħalli l-kawża tkompli tiġi trattata u tiddeċiedi dwar iż-żewġ talbiet l-oħra li l-eżitu tagħhom jiddependi sa ċertu punt u huwa konsegwenzjali għall-ewwel talba tal-atturi appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

"Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

""Il-Qorti,

"F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li *de cuius* kien iddekada mill-wirt ta' martu skond testment *unica charta*, peress li wara l-mewt taghha kien biddel it-testment kwantu ghall-assi tieghu (Artikolu 593 tal-Kodici

Civili) u ghamel ukoll donazzjoni ta’ immobbli. It-testaturi ma kellhomx tfal u fit-testment *unica charta* kienu hallew lil xulxin werrieta universali ta’ xulxin u ipprovdew li s-superstiti fosthom qieghed ihalli bhala werriet universali in kwantu ghal nofs il-gid lil oht it-testatur u nofs il-gid l-iehor lil oht it-testatrici. Meta s-superstiti rrevoka l-ewwel testment halla bhala werrieta universali lil oht martu u d-donazzjoni saret lill-istess persuna.

“Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u qeghdin jitolbu:

“B’testment unica charta li sar fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi tal-4 ta’ Marzu 1964, il-mejtin Emmanuele Refalo u martu Maria Refalo (xebba Aquilina), kienu nnomminaw *“lil xulxin werrieta universali tal-beni taghhom kollha prezenti u futuri, mobili u mmobili, fis-sens illi l-predefunt fostom jinnomina werriet universali tieghu lis-superstitit fosthom”;*

“Illi fl-istess testment, l-imsemmija konjugi Refalo kienu ordnaw ukoll li wara l-mewt tas-superstiti fosthom, “*bhala werrieta universali tal-beni tieghu kollha prezenti u futuri, mobili u immobili jinnominaw fi kwoti ugwali bejniethom lil Angiolina Aquilina, oht it-testatrici u lil Maria Giovanna Refalo, oht it-testatur. Fil-kas ta’ premorienza ta’ xi wahda minnhom Angiolina Aquilina u Maria Giovanna Refalo ghas-superstiti fost it-testaturi, dana jissostitwixxi minflokha premorta lill-eredi testamentarju jew legittimi skond il-kas tal-werrieta nominata kif fuq, li tkun mietet qabel is-superstiti fost it-testaturi”;*

“F’dan it-testment it-testaturi ma kinux taw lil xulxin il-fakolta’ lis-superstiti fosthom li jbiddel l-imsemmija dispozizzjonijiet testamentarji;

“Maria Refalo mietet fit-3 ta’ Marzu 1996 ;

“B’testment li ghamel fl-20 ta’ Gunju 1996, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani, u cioe’ tliet xhur wara l-mewt ta’ martu, Emmanuele Refalo hassar u rrevoka kwalunkwe testment li kien ghamel qabel dak in-nhar, u nnomina bhala

werrieta universali tieghu lill-konvenuta. Dan ghamlu bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 593(1) tal-Kodici Civili Kap. 16 (qabel ma gie emendat bl-Att XVIII tal-2004), u ghalhekk iddekada mill-vantaggi li kien jaghtih it-testment *unica charta* tal-4 ta' Marzu 1964, fuq imsemmi;

"Il-werrieta Maria Giovanna Refalo li giet nominata minn Emmanuele u Maria Refalo bit-testment taghhom *unica charta* fuq imsemmi, mietet improle u ntestata fil-11 ta' Lulju 1996 u ghalhekk wirtuha *ex lege* l-atturi u ohrajn;

"B'kuntratt ta' donazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tas-27 ta' Jannar 2000, Emmanuele Refalo ttrasferrixxa b'titolu ta' donazzjoni favur il-konvenuta (a) id-dar bin-numru 45, Triq Ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex, (b) il-garage fi Triq Ganni Vassallo, Victoria, Ghawdex, u (c) il-flat internament markat bin-numru wiehed (1) formanti parti minn blokk bini minghajr numru u jismu "Bastion Flats", fi Triq Wied Seqer, Victoria, Ghawdex, u nofs indiviz ta' l-arja sovrastanti ghall-blokk u nofs indiviz tal-garage fil-pjan ta' terran ta' l-istess blokk;

"Minn dawn il-proprjetajiet li gew ittrasferiti b'donazzjoni minn Emmanuele Refalo lill-konvenuta, Maria Refalo kellha nofs indiviz, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' trasferiment *causa mortis* tal-istess Maria Refalo – esibita u markata E, u hija ma kellhiex assi ohrajn immobiljari;

"B'dan il-kuntratt ta' donazzjoni, dak li gie ordnat mill-mejta Maria Refalo u zewgha Emmanuele Refalo fit-testment taghhom *unica charta* hawn fuq imsemmi a rigward ta' kif u fuq min ghandu jghaddi l-wirt taghha wara l-mewt tas-superstiti fosthom, ma setax ikollu effett kwantu ghall-testment li kien sar komuni mal-mara tieghu bit-testment li sussegwentement ghal mewt ta' martu, hu kien ghamel wahdu fl-20 ta' Gunju 1996, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani;

"Dak il-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn Emmanuele Refalo u l-konvenuta huwa simulat u sar biex jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi;

“Emmanuele Refalo miet fil-21 ta’ Settembru 2001;

“Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti;

“1. Tiddikjara li huma bhala werrieta legittimi tal-mejta Giovanna Refalo ghandhom drittijiet li jirtu u jissucciedu f’sehem mill-wirt tal-mejta Maria Refalo, u dan is-sahha ta’ dak li gie ordnat u regolat mill-istess Maria Refalo bit-testment *unica charta* li hi u zewgha Emmanuele Refalo kienu ghamlu flimkien fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-4 ta’ Marzu 1964, u dan minhabba li dak li kien ghamel zewgha wara l-mewt taghha, huwa kien iddekada mill-vantaggi u drittijiet kollha li kien jaghtih dak l-istess testment fuq l-assi taghha.

“2. Tiddikjara ghalhekk ukoll il-kuntratt ta’donazzjoni tal-27 ta’ Jannar 2000, li sar fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani huwa simulat, u huwa biss validu ghas-sehem li Emmanuele Refalo kellu mill-assi tieghu proprju u mhux ukoll ghas-sehem mill-proprjeta’ d’dak l-att ittrasferita, li kienu ta’ u li gew imhollija b’wirt minn martu Maria Refalo.

“3. Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-kuntratt ta’ donazzjoni tal-27 ta’ Jannar 2000, li sar fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani, integralment, jew alternattivament jigi dikjarat validu biss *in parte*, u null u ta’ l-ebda effett ghall-parti l-ohra fejn jirrgwarda s-sehem li kellha Maria Refalo mill-istess beni li gew b’daka l-att ittrasferiti lill-konvenuta.

“Rat it-twegiba guramentata prezentata minn Angiolina Aquilina li permezz taghha eccepiet:

“1. Preliminarjament jinghad illi fl-20 ta’ Gunju 1996, ma sar l-ebda kuntratt ta’ donazzjoni izda testment u dan kif jirrizulta mid-dokument ipprezentat mill-istess atturi. Il-konvenuta qieghda tirrizerva l-posizzjoni taghha li tressaq risposta ulterjuri wara li issir id-debita korrezzjoni, dejjem jekk ikun il-kaz.

“2. Fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna hija insostenibbli u dan ghas-segwenti ragunijiet;

“a. Illi Emmanuele Refalo ma ghamel xejn li bih seta jiddekadi mid-drittijiet successorji tieghu u ta’ martu Maria Refalo. Di fatti Emmanuele Refalo kien il-werriet universali ta’ Maria Refalo, u meta din giet nieqsa, huwa ghamel id-dikjarazzjoni *causa mortis*, u konsegwentement huwa sar proprjetarju assolut ta’ gidha kollu. Ghalhekk seta jiddisponi liberament minn gidu.

“b. Illi di piu, ghar-rigward tat-testment ta’ l-4 ta’ Marzu, 1964 id-decujii konjugi Refalo qatt ma setghu jorbtu lis-supersisti fosthom kif ghandhom jiddisponu minn gidhom wara li dan/din jkun/tkun wiret/wirtet il-gid tal-parti l-ohra. Jigifieri meta Emmanuele Refalo wiret lil martu, minkejja li kien hemm miktub fit-testment li huwa kellu jhalli l-gid taghhom lil intimata Angolina Aquilina jew lil Maria Giovanna Refalo (jew lil werrieta ta’ dawn ta’ l-ahhar), l-istess konjugi Refalo fir-rejalta qatt ma setghu jaghmlu disposizzjoni ta’ din ix-xorti li tmur kontra l-ligi. Kulhadd huwa liberat li jiddisponi minn gidu kif irid hu wara mewtu u zgur li f’dan il-kaz ma japplikax id-dispost ta’ l-artikolu 593 tal-Kodici Civili.

“c. Illi fi kwalunkwe kaz, dak li ghamel id-decujus Emmanuele Refalo kien li proprju ippremja lil minn kien qieghed jghinu fil-bzonnijiet tieghu wara l-mewt ta’ martu. Kienet qieghdha tghinu, u dan kif jista’ jigi ippruvat fil-kawza, l-konvenuta. L-atturi qatt ma taw sehemhom sabiex jghinu lid-decujus Emmanuele Refalo wara l-mewt ta’ Maria. Ghalhekk kien gustifikat id-decujus Emmanuele Refalo li jhalli l-gid tieghu u li kien wiret minghand martu lill-intimata.

“d. Fi kwalunkwe kaz, zgur li f’dan il-kaz ma hemmx simulazzjoni fil-kuntratt ta’ donazzjoni li sar fis-27 ta’ Jannar, 2000 u ghalhekk dan huwa validu u skond il-ligi. Apparti li dan il-kuntratt ma huwiex simulat, l-atturi jridu jippruvaw tali simulazzjoni, jekk tezisti.

“Semghet ix-xhieda.

“Rat l-atti tal-kawza nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat:-

"1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

"(a) Emmanuele Refalo u Maria Refalo kienu mizzewgin. L-atturi huma l-ahwa ta' Emmanuele Refalo filwaqt li l-konvenuta hi oht Maria Refalo.
"(b) Fl-4 ta' Marzu 1964 il-konjugi Refalo ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi (fol. 6). F'dan it-testment it-testaturi pprovdew billi:

"1. It-testaturi hallew lil xulxin *"….werrieta universali tal-beni taghhom."* (Tieni Artikolu); u imbaghad
"2. *"It-testatur superstiti imbaghad bhala werrieta universali tal-beni tieghu kollha prezenti u futuri mobili u immobbli jinnomina fi kwoti ugwali bejniethom lil Angiolina Aquilina, oht it-testatrici u lill Maria Giovanna Refalo oht it-testatur. Fil-kaz ta' premorjenza ta' xi wadha minnhom Angiolina u Maria Giovanna Refalo, ghas-superstiti fost it-testaturi dana jissostitwixxi minn flokha premorta lill-eredi testamentarji jew legittima skond il-kaz tal-werrieta nominata kif fuq li tkun mietet qabel is-superstiti fost it-testaturi."* (Tielet Artikolu).

"It-testaturi ma tawx lil xulxin il-fakulta' li jhassru t-testment kwantu ghall-assi ta' xulxin minghajr ma jinkorru fil-penalita' komminata mil-ligi.
"(a) Maria Refalo mietet fit-3 ta' Marzu 1996 (fol. 8).
"(b) Fl-20 ta' Gunju 1996, Emmanuele Refalo ghamel testment fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 15) fejn filwaqt li hassar u rrevoka kull testment li ghamel qabel, iddikjara li qieghed *"….jinnomina u jistitwixxi bhala eredi universali tal-beni tieghu kollha mobbli u immobili, prezenti u futuri, lil Angiolina Aquilina, xebba, bint il-mejtin Salvu Aquilina u Teresa nee' Cassar, imwielda u residenti Victoria, Ghawdex."*. Dan kien l-ahhar testment li ghamel Emmanuele Refalo.

"(c) Maria Giovanna Refalo mietet fil-11 ta' Lulju 1996. Mietet intestata u m'huwiex kontestat li l-atturi huma werrieta taghha, flimkien ma' Emmanuele Refalo.
"(d) Permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Jannar 2000 fl-atti tan-nutar Dr Enzo Dimech (fol. 20), Emmanuele Refalo ta b'donazzjoni lill-konvenuta proprjeta' mmobbli u fil-kuntratt saret dikjarazzjoni li *"din id-donazzjoni qed issir talli d-donatarja ghamlet bosta kuri, servigi u assistenzi mad-donanti u il-mejta martu, tul hafna snin."* (fol. 21).
"(e) Emmaneule Refalo miet fil-21 ta' Settembru 2001 (fol. 23).

"L-atturi qeghdin jippretendu li bhal werrieta legittimi ta' Maria Giovanna Refalo li mietet fil-11 ta' Lulju 1996, ghandhom sehem mill-eredita' ta' Maria Refalo li mietet fit-3 ta' Marzu 1996 peress li zewgha (Emmanuele Refalo) wara l-mewt ta' martu kien ghamel testment iehor li bih hassar l-ewwel testment u ghamel ukoll att ta' donazzjoni. Ghalhekk it-tezi taghhom hi li Emmanuele Refalo (hu whud mill-atturi u z-ziju ta' ohrajn) ma jistax jitqies bhala l-werriet universali ta' martu ghaliex iddekada mill-beneficcju tat-testment ta' martu.

"1. Fil-kaz taghna rilevanti hu l-fatt li l-atturi huma fost il-werrieta ta' Maria Giovanna Refalo, li fit-testment *unica charta* giet istitwita bhala werrieta tas-superstiti flimkien mal-konvenuta. L-atturi m'ghandhom l-ebda relazzjoni konsangwina ma' Maria Refalo. Din il-kawza saret mill-atturi bhala *"werrieta legittimi tal-mejta Maria Giovanna Refalo"* tant li f'din il-vesti qeghdin jippretendu li ghandhom id-dritt li *"…jirtu u jissucciedu f'sehem mill-wirt tal-mejta Maria Refalo"* (fol. 3). Hu evidenti li l-atturi qeghdin jippretendu li ghandhom dritt li jircievu mill-wirt ta' Maria Refalo in vista ta' dak li jinghad fit-Tielet Artikolu. M'hemmx dubju li rrispettivament dwar jekk Emmanuele Refalo ddekadiex mill-beneficcju tat-testment ta' martu, l-atturi jridu jaghtu prova li ghandhom dritt li jirtu sehem mill-wirt ta' Maria Refalo. Il-kawza li ghamlu hi bazata fuq din il-premessa.

"L-Artikolu 594 tal-Kodici Civili jipprovdi li f'kaz fejn hemm lok ta' dekadenza ta' wiehed mill-konjugi mill-wirt ta' l-iehor b'applikazzjoni tal-Artikolu 593 tal-Kodici Civili:-

*"…… l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel, bil-frottijiet kollha minn dak in-nhar tal-mewt tieghu, ighaddi kollu, jekk huwa stess ma jkunx iddispona xort'ohra, lill-werrieta minnu mahtura, jew fin-nuqqas ta' dawn, lill-werrieta tieghu legittimi……."*.

"Ghaldaqstant, f'kaz ta' dekadenza l-gid ighaddi kollu (bil-frottijiet minn dakinhar tal-mewt):-

"i) Bil-mod li jkun ordna t-testatur li jmut l-ewwel f'kaz ta' dekadenza, cjoe' jkun iddispona x'ghandu jigri fil-kaz ta' dekadenza; fin-nuqqas
"ii) Favur il-werrieta mahtura mit-testatur li jmut l-ewwel; u fin-nuqqas
"iii) Il-werrieta legittimi tat-testatur li jmut l-ewwel

"Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-atturi in kwantu qeghdin jippretendu li huma werrieta ta' Maria Refalo jew li ghandhom xi dritt ghal xi sehem mill-wirt taghha:-

"(a) Maria Giovanna Refalo mietet qabel huha Emmanuele Refalo (is-superstiti) u skond it-testment *unica charta* f'kaz ta' premorjenza tal-werriet/a (Angiolina Aquilina u Maria Giovanna Refalo) qabel is-superstiti, ssehh sostituzzjoni billi jirtu l-ahwa ta' dawn il-werrieta[1]. Ghalhekk jekk ghandhom xi drittijiet dan hu ghaliex hemm is-sostituzzjoni u mhux ghaliex huma werrieta ta' Maria Giovann Refalo.
"(b) Maria Giovanna Refalo (oht l-atturi) m'hijiex werrieta ta' Maria Refalo (il-mara tas-superstiti). Fit-testment *unica charta* jinghad espressament li hu t-testatur superstiti (ara tielet artikolu – fol. 6) li qieghed jistitwixxi bhala werrieta lil Maria Giovanna Refalo u Angiolina Aquilina. Gialadarba Maria Refalo mietet qabel zewgha, m'hijiex *"it-testatur superstiti"*. Id-disposizzjoni li biha Maria Giovanna Refalo u Angiolina Aquilina thallew werrieta universali hi ta'

[1] Ara Tielet Artikolu (fol. 6).

Emmanuele Refalo, ghaliex hu kien is-superstiti, u mhux ta’ Maria Refalo. L-uniku werriet li istitwiet Maria Refalo kien zewgha Emmanuele Refalo u ma nnominat lil hadd bhala werriet taghha fl-eventwalita’ ta’ dekadenza min-naha ta’ zewgha. Ghalhekk jekk ghal grazzja ta’ l-argument ghandha tigi applikata s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 593 tal-Kodici Civili (Kap. . 16) il-wirt ta’ Maria Refalo ghandu jitqies li ddevolva *ab intestato* lill-qraba taghha skond il-ligi.

“(c) Maria Giovanna Refalo (li kif rajna mietet erba’ (4) xhur wara Maria Refalo) u l-atturi lanqas ma jikkwalifikaw bhala *“werrieta tieghu legittimi”* (Artikolu 594 tal-Kodici Civili). Jekk wiehed kellu ghall-grazzja tal-argument biss jargumenta li b’dak li ghamel is-superstiti (Emmanuele Refalo) iddekada mill-vantaggi li jaghtih dak it-testment fuq l-assi tal-konjugi predefunta, l-assi tal-mara tieghu (Maria Refalo) ighaddu ghand il-werrieta legittimi taghha. Dawn certament m’humiex l-atturi li m’ghandhom l-ebda rabta konsangwina ma’ Maria Refalo. Anzi semmai hi l-konvenuta stess (oht Maria Refalo) li hi l-werrieta ta’ ohtha u dan b’applikazzjoni tal-provvedimenti dwar successjoni *ab intestato*.

“Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet l-azzjoni ta’ l-atturi ghandha tfalli.

“1. F’kull kaz u bla pregudizzju, anke jekk ghal finijiet ta’ principju biss wiehed kellu jezamina jekk Emmanuele Refalo kienx tilef il-jeddijiet kollha fuq l-assi ta’ martu, il-Qorti m’hijiex konvinta mill-argument tal-atturi.

“Il-ligi applikabbli ghal fattispecjie ta’ dan il-kaz hi ta’ qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004. L-Artikolu 593 tal-Kodici Civili (Kap. . 16) jipprovdi:-

*“(1) Izda, kemm-il darba f’testment unica charta, it-testaturi jkunu hallew wiehed lill-iehor, bi proprjeta’ jew b’uzufrutt, il-hwejjeg taghhom kollha, jew il-bicca l-kbira taghhom, it-testatur li jibqa’ haj wara l-iehor u li jhassar it-testment kwantu ghall-assi tieghu, jitlef, jekk it-testatur li jmut qabel ma jkunx iddispona xort’ohra, kull jedd li kellu*

*bis-sahha ta' dak it-testment fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel.*

*(2) Din ir-regola tghodd ukoll meta, ghad li t-testatur li jibqa' haj wara l-iehor ma jkunx hassar it-testment, dan it-testment minhabba eghmilu, ma jkunx jista' jkollu effett kwantu ghall-assi tieghu."*.

"Hu floku li jinghad li bhala principji:

"(a) Testment *unica charta* jista' jsir biss bejn il-mizzewgin (Artikolu 592 tal-Kodici Civili).
"(b) Fejn fit-testment il-konjugi jkunu taw lil xulxin id-dritt li jvarjaw minghjar ma jiddekadu mill-beneficcju tat-testment, m'hemmx lok li s-superstiti jitlef kull jedd fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel f'kaz li xi hadd minnhom ihassar it-testment.
"(c) *"In-natura tat-testment unica charta hija specjali hafna, ghaliex oltre n-natura ta' testment ghandu mhallta mieghu n-natura ta' kuntratt."* (Maria Bianchi vs Maggur James A. Galizia deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 1937 – Vol. XXIX.i.991).
"(d) Fil-gurisprudenza jidher li hu accettat li t-thollija ta' legat rimuneratorju ma jwassalx sabiex it-testatur li jibqa' haj jiddekadi mill-vantaggi li jikseb minn dak it-testment, in kwantu legat simili jikkonsisti fi hlas ta' dejn. Madankollu l-Qorti ghandha l-awtorita' li tissindika jekk dak il-legat huwiex proporzjonat ghas-servigi li jkun ippresta l-legatarju.
"(e) Minkejja li l-ligi tikkontempla d-dekadenza min-naha tat-testatur li jibqa' haj fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel f'kaz li dak li jibqa' haj ihassar it-testment fir-rigward tal-assi tieghu, is-superstiti xorta ghandu liberta' assoluta li jvarja jew jirrevoka t-testment. Dan fis-sens li t-testment gdid li jkun ghamel jibqa' validu, ghalkemm dan jista' jwassal biex is-superstiti jitlef il-jeddijiet li jkun akkwista bis-sahha tat-testment *unica charta* fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel[2].

[2] Ara f'dan il-kuntest sentenza tal-Prim'Awla Qorti Ċivili fil-kawża **Emanuela Gauci vs Lawrence Mifsud et** deċiża fl-4 ta' April 2006.

"(f) Id-dekadenza tista' ssehh ukoll anke fejn is-superstiti ma jaghmilx testment iehor, izda minhabba *"ghemilu"* it-testment ma jkunx jista' jkollu effett fir-rigward tal-assi tieghu; *"Tale disposto, infatti, non si riferisce al cambiamento per parte del superstite del testamento, che anzi si suppone mantenuto, ma a qualunque altro fatto per cui lo stesso non possa svolgere il suo effetto, come sarebbe la donazione del patrimonio del superstite o di una parte considerevole di esso, oppure la sopravvenienza di un figlio al testatore superstite che prima non ne aveva, o il suo passaggio a seconde nozze, e cosi via."* (Carmelo Aquilina et vs Carmela Bugeja et deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1930 – Vol. XXVII.i.419).
"(g) Fejn issehh id-dekadenza, l-assi tat-testatur (inkluz il-frottijiet kollha mid-data tal-mewt) jghaddu ghand il-werrieta mahtura mit-testatur li miet l-ewwel u fin-nuqqas ghand il-werrieta tieghu legittimi (Artikolu 594 tal-Kodici Civili).
"(h) F'kaz ta' testment li jwassal ghal dekadenza tat-testatur li jmut l-ahhar, din il-piena *"….tkun konstatata bilfors fil-mewt tas-superstiti li kiser il-kelma tieghu, ghaliex it-testment ta' persuna johrog l-effett tieghu meta tmut dik il-persuna u mhux qabel….."* (Maria Bianchi vs Maggur James A. Galizia deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 1937 – Vol. XXIX.i.991).

"1. Il-problema li tezisti f'dan il-kaz hi li t-testment *unica charta* ma fihx biss disposizzjoni reciproka bejn it-testaturi imma wkoll disposizzjoni favur terzi persuni, fis-sens li fit-testment dawn it-terzi gew istitwiti werrieta universali mis-superstiti. Li kieku ma kenitx tezisti din l-ahhar disposizzjoni ma kien ikun hemm l-ebda kwistjoni in kwantu s-superstiti, bil-mewt ta' martu, kien isir proprjetarju assolut tal-assi kollha taghha. Ovvjament id-disposizzjoni li biha jkun istitwixxa lil martu bhala eredi tieghu tibqa' bla effett minhabba li martu mietet qablu, u l-assi tas-superstiti u dawk tal-predefunta kienu jsiru wahda. F'dawk ic-cirkostanzi t-testatur li jibqa' haj (fil-kaz taghna Emmanuele Refalo) kien ikollu liberta' assoluta li jiddisponi mill-gid kollu kif irid minghajr ma jinkorri f'xi forma ta' dekadenza (f'dan il-kuntest ara sentenzi tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Emanuela Gauci vs Lawrence Mifsud et deciza fl-4 ta' April 2006 u tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Mary Caruana et vs Giuseppina Ainsworth deciza fil-31 ta' Ottubru 2007). Pero' l-qorti hi tal-fehma li l-fatt li s-superstiti (Emmanuele Refalo) ghamel testment wara t-testment *unica charta* u ghamel ukoll kuntratt ta' donazzjoni, ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament jiddekadi mill-jeddijiet kollha fuq l-assi ta' martu. Kull kaz ghandu jitqies skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu, iktar u iktar meta wiehed jiftakar li d-dekadenza hi penali. F'dan il-kaz:-

"(a) Mit-testment jirrizulta bl-iktar mod car li t-testaturi hallew lil xulxin werrieta universali. Fil-fehma tal-Qorti din ma tistax tiftihem mod iehor ghajr il-gid kollu li kien jifforma parti mis-successjoni taghhom. Skond l-Artikolu 590 tal-Kodici Civili: *"id-disposizzjoni b'titolu universali hija dik li biha t-testatur ihalli lil persuna wahda jew izjed il-gid tieghu kollu jew sehem minnu."*. Ir-raguni tghidlek li kieku l-konjugi riedu li kull wiehed minnhom ikollu biss it-tgawdija tal-assi ta' xulxin *vita durante*, fit-testment kien jinghad minflok li qeghdin ihallu biss l-uzufrutt lil xulxin; *"Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna hi pacifika fis-sens illi l-uzufruttwarju generali ma hux eredi, avolja t-testatur isejjahlu hekk, u huwa biss semplici legatarju (P.A. Apap Bologna vs Delicata 8.5.1897, Vol. XVI.ii.46; Appell Albanese vs Caruso 17 ta' Marzu 1911, Vol. XXI.i.301)."* (Giuseppe Borg vs Marianna Borg deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1936 – Vol. XXIX.i.581).
"(b) Kien biss wara l-mewt ta' martu (Maria Refalo) li Emmanuele Refalo biddel it-testment fis-sens li minflok halla lil Maria Giovanna Refalo (ohtu) u lill-konvenuta bhala werrieta tieghu, innomina lill-konvenuta bhala eredi universali tieghu (fol. 15). F'dak l-istadju hu kien diga' werriet ta' martu.
"(c) Permezz tat-testment *unica charta*, l-atturi hadu hsieb li f'dak l-istadju is-superstiti fosthom (ovvjament ma kinux jafu min kien ser ikun) jinnomina l-werrieta tieghu u b'hekk is-successjoni tieghu ma tkunx *ab intestato*. M'hemmx dubju li f'kazijiet simili d-disposizzjoni li xi hadd mill-konjugi jkun ghamel favur il-konjugi li jmut l-ewwel, ser tibqa' minghajr effett. Id-disposizzoni li kull wiehed

mit-testaturi ghamel favur l-iehor, *"….is considered to be the consideration for what is bequeathed to him or her by the other, and therefore, the revocation of the will by one of them ought to bring about automatically the revocation of the dispositions made by the other in favour of the former."*[3].

"(d) Wiehed jista' forsi jargumenta li l-intenzjoni u l-ftehim bejn it-testaturi kien li membru wiehed tal-familja ta' kull testatur minnhom jibbenefika f'sehem ugwali mill-wirt tas-superstiti, fis-sens li l-gid ma jmurx kollu fuq familja wahda. Fil-fatt fit-testment jinghad li f'kaz ta' permorjenza ta' Maria Giovanna Refalo jew ta' Angiolina Aquilina (il-konvenuta), jigu sostitwiti bil-werrieta taghhom. Pero' li ghandna partikolari f'dan il-kaz hu li meta s-superstiti ghamel it-tieni testment dan ma nnominax bhala werrieta universali tieghu lil ohtu jew xi terza persuna imma lil oht martu (il-konvenuta). Il-probabilita' hi li Maria Refalo, meta saret disposizzjoni simili, riedet tizgura li tiffavorixxi lil ohtha bhala l-persuna li maghha ghandha relazzjoni konsangwina. Argument li japplika wkoll fil-kaz ta' Emmanuele Refalo. F'dan ir-rigward il-konvenuta xehdet: *"ohti qalti li halliet lili l-gid u hu halla lil ohtu jisimha Mari Gwann."* (fol. 51). Is-superstiti mhux talli ma ghamel xejn li bih seta' zvantagga lil oht martu, talli hu stess halliha werrieta universali bit-testment li ghamel fl-10 ta' Gunju 1996 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani. F'dawn ic-cirkostanzi il-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li Emmanuele Refalo kiser il-ftehim li kellu ma' martu u li dak li ghamel kien per ezempju ntiz biex b'xi mod jiddefrawda lill-persuna li martu riedet li tigi vvantaggjata. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li b'dak li ghamel Emmanuele Refalo seta' jinfluwenza l-hsieb tal-predefunta kieku kienet taf li zewgha kellu l-hsieb li jbiddel it-testment bil-mod li ghamel.

"(e) Il-qorti lanqas ma tista' taqbel ma' xi argument fis-sens li mit-testment jirrizulta li Maria Refalo halliet lil zewgha werriet universali mhux biss bhala korrispettiv li ghamel disposizzjoni identika fil-konfront taghha, imma

[3] *Notes on Law of Succession*, Prof. V. Caruana Galizia paġna 962.

wkoll ghal fatt li halla lil ohtu u lill-konvenuta werrieta universali f'kaz li jmut wara martu[4].

"Fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni li gie ppubblikat fis-27 ta' Jannar 2000 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani, il-qorti tqis li ghall-istess ragunijiet moghtija hawn fuq dan il-kuntratt ma jistax iwassal biex is-superstiti Emmanuele Refalo jitlef il-jeddijiet fuq l-assi ta' martu. Dan meta wiehed iqies li d-donazzjoni saret lill-konvenuta, l-istess persuna li fit-tieni testment gie istitwita bhala werrieta universali ta' Emmanuele Refalo. In oltre, il-qorti lanqas ma tista' tasal ghal konkluzjoni li minn qari tat-testment *unica charta* jirrizulta li l-intenzjoni u l-ftehim bejn it-testaturi kien li min jibqa' haj mit-testaturi ma jkunx jista' jiddisponi mill-gid permezz ta' atti *inter vivos*.

"Ghal dak li jikkoncerna t-tieni u t-tielet talba, dawn huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Gialdarba l-ewwel talba ser tigi michuda l-konsegwenza naturali hi li ghandhom jigu michuda t-tieni u t-tielet talba.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza:-

"1. Tiddikjara li l-mertu tal-ewwel eccezzjoni hu llum ezawrit wara l-korrezzjoni li saret fir-rikors guramentat b'riferenza ghad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni, spejjez ghall-konvenuta.

"2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fis-sens li b'dak li ghamel Emmanuele Refalo huwa ma ddekadiex mill-beneficcju tat-testment ta' Maria Refalo u inoltre ghar-ragunijiet li nghataw fil-parti tas-sentenza fejn il-qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet, tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

"**<u>Rikors tal-appell tal-attrici Victoria Xuereb et:</u>**

---

[4] Dan it-tip ta' argument kien sar mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawza **Luigi Caruana et vs Angiolina Spiteri** deċiza fid-9 ta' Jannar 1882 (Vol. IX.637) li kienet tittratta dekadenza taħt il-liġi Muniċipali .

“L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell billi fil-fehma tagħhom l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata kemm tat-testment *unica charta* tal-4 ta’ Marzu 1964, kif ukoll tal-Artikoli 593 u 594 tal-Kap. 16 (kif kienu prevalenti sa ma l-liġi ġiet emendata bl-Att XVIII tal-2004).

“Dwar l-interpretazzjoni tat-testment *unica charta*:

“L-appellanti jissottomettu li t-testment *unica charta* juri biċ-ċar x’kienet l-intenzjoni tat-testaturi konjuġi Refalo fil-mument li sar dak l-att: għalkemm riedu jħallu ġidhom lil xulxin irregolaw fuq min kellu imbagħad jaqa’ l-ġid kollu meta jmut l-aħħar wieħed minnhom, u ċioe` nofsu fuq il-konvenuta (jew l-eredi tagħha) u nofsu fuq Maria Giovanna Refalo (jew l-eredi tagħha). Jargumentaw li l-kliem fit-tielet artikolu tat-testment juri biċ-ċar li Maria Giovanna Refalo kellha tiret sehem hi ukoll mill-ġdid totali, inkluż dak ta’ Maria Refalo.

“L-appellanti jsostnu li x-xewqa ta’ Maria Refalo kif espressa fit-tielet artikolu tat-testment kellha tiġi rispettata bil-komminazzjonijiet kollha ta’ dekadenza li tikkontempla l-liġi għal min iħassar it-testment meta ma tkunx ġiet mogħtija lilu dik il-fakulta` mit-testatur predefunt.

“Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 593 u 594 tal-Kodiċi Ċivili:

“L-appellanti jsostnu li l-Artikoli 593 u 594 huma ċari u ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet varji. Fil-fehma tagħhom iċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadraw ruhhom taħt dawn l-artikoli u bħala konsegwenza jsegwi li Emanuele Refalo ddekada mid-drittijiet li kellu bis-saħħa tat-testment *unica charta.* Jargumentaw illi meta Emanuele Refalo biddel it-testment *unica charta* li kien għamel flimkien ma’ martu huwa awtomatikament tilef kull jedd li kellu bis-saħħa tal-istess testment fuq l-assi ta’ martu Maria Refalo. Hawnhekk jagħmlu riferenza għan-Noti dwar id-Dritt Ċivili tal-Professur Caruana Galizia, fejn jgħid hekk:

““*Where such will is made, what is bequeathed by one of the spouses to the other is considered to be the consideration for what is bequeathed to him or her by the other, and therefore the revocation of the will by one of them ought to bring about automatically the revocation of the dispositions made by the other in favour of the former*.”

“Huma jsostnu li ma hemm lok ghal ebda eċċezzjoni: id-dekadenza hija waħda awtomatika kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet imposti mil-liġi.

“**Risposta tal-konvenuta appellata:**

“Il-konvenuta appellata wieġbet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma billi l-aggravju tal-appellanti huwa manifestament infondat u għandu jiġi respint, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-atturi appellanti.

“Hija targumenta li bil-fatt li Emanuele Refalo taha iktar minn nofs il-ġid li kien obbligat jagħti ma jfissirx b'daqshekk li kiser ix-xewqa ta' martu. Tgħid li f'testment *unica charta* bħal dan in kwistjoni, fejn it-testaturi ma jkollhomx ulied, il-patt taċitu bejn il-partijiet ikun li nies il-premort ma jiġux żvantaġġjati, u mhux ukoll li ma jiġux ivvantaġġjati. Mhux il-każ li x-xewqa ta' Maria Refalo kif espressa fit-testment ma ġietx tutelata. L-appellata, bħal ma għamlet l-ewwel Qorti, tirribatti l-argument li t-testatriċi Maria Refalo riedet li tiritha Maria Giovanna Refalo.

“L-appellata ssostni li l-ewwel Qorti interpretat sewwa l-liġi “b'mod loġiko-ġuridiku impekkabbli”. Fil-fehma tagħha ladarba l-ewwel Qorti dehrilha li r-rieda ta' Maria Refalo ma ġietx miksura, hija kkonkludiet li ma kienx hemm dekadenza u għalhekk ma kellhiex għalfejn tidħol f'raġunar dwar il-konsegwenzi ta' tali dekadenza. Hija tgħid li l-Qorti sempliċiment applikat il-liġi fil-ġeneralita` tagħha għall-fatti partikolari li ġew ippreżentati quddiemha.

“**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

"Dwar l-interpretazzjoni tat-testment *unica charta*

"Il-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma in suċċint, dawn: permezz ta' testment *unica charta* li sar fl-4 ta' Marzu 1964, il-konjuġi Refalo ħallew lil xulxin eredi universali. Fit-3 ta' Marzu 1996 mietet Maria Refalo, u għalhekk wiritha żewġha Emanuele Refalo. Skont it-tielet artikolu tat-testment surreferit, wara l-mewt tal-ewwel wieħed mill-konjuġi Refalo is-superstiti fost l-istess konjuġi, f'dan il-każ Emanuele, kellu jinnomina lil Maria Giovanna Refalo (oħt Emanuele) u lil Angiolina Aquilina (oħt Maria) bħala l-werrieta tiegħu. Emanuele Refalo fil-fatt fl-20 ta' Ġunju 1996, tliet xhur wara li mietet martu, għamel testment biex jirregola l-wirt tiegħu, iżda flok ma nnomina lil oħtu u lil oħt martu bħala l-eredi universali tal-beni tiegħu, innomina biss lil oħt martu.

"L-appellanti qed isostnu li b'dan it-tibdil li għamel Emanuele Refalo huwa ma kienx qed jirrispetta x-xewqa ta' martu kif espressa fit-tielet artikolu tat-testment *unica charta* u għalhekk awtomatikament tilef kull dritt li kellu bis-saħħa tal-istess testment fuq l-assi ta' martu. Huma jaċċennaw għall-fatt li t-tielet artikolu tal-istess testment jistipula li wara l-mewt tal-ewwel wieħed minnhom, dak li jibqa' ħaj għandu jinnomina speċifikatament bħala werrieta universali tal-beni tiegħu kemm lil (1) Angiolina Aquilina (oħt it-testatriċi Maria Refalo) u kif ukoll lil (2) Maria Giovanna Refalo (oħt it-testatur Emanuele Refalo) fi kwoti ugwali bejniethom. Għalhekk isostnu li bil-fatt li Emanuele Refalo fl-20 ta' Ġunju 1996 għamel testment fejn ħalla ġidu kollu lill-konvenuta appellata Angiolina Aquilina u mhux nofs lilha u nofs lil oħtu (kif stipulat fit-testment *unica charta*) huwa awtomatikament iddekada mid-drittijiet li kellu abbażi tal-istess testment *unica charta*.

"L-ewwel Qorti rraġunat li l-ftehim bejn il-konjuġi aktarx li kien sar proprju sabiex wara li jmut l-aħħar wieħed minnhom il-ġid ma jmurx kollu fuq familja waħda iżda jinqasam bejn iż-żewġ familji rispettivi tagħhom. Hija dehrilha li l-probabbilita` hi li Maria Refalo riedet tiżgura li tiffavorixxi lil oħtha bħala l-persuna li magħha għandha relazzjoni konsangwina.

"L-appellanti da parti tagħhom jargumentaw illi l-kliem fit-tielet artikolu tat-testment *unica charta* jagħmluha ċara li oħt Emanuele Refalo, u ċioe` Maria Giovanna Refalo, kellha tiret sehem hi ukoll mill-ġid totali, inkluż dak ta' Maria Refalo. Jinsistu li kienet proprju x-xewqa ta' Maria Refalo kif espressa fit-testment *unica charta* li oħt żewġha Maria Giovanna Refalo kellha eventwalment tiret sehem ukoll.

"Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Axiak v. Antonio Axiaq et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar 1945, "*L-intenzjoni tat-testatur għandha tinġibed mid-dispożizzjonijiet tal-istess testment*…" Issa t-testment in kwistjoni jistipula speċifikatament li s-superstiti għandu jħalli l-ġid lil Maria Giovanna Refalo u lil Angiolina Aquilina. Wieħed jistaqsi x' kienet allura l-intenzjoni ta' Maria Refalo meta għamlet it-testment *unica charta,* x' kien eżatt l-interess tagħha li hija riedet tikkawtela?

"Jeżistu, fil-fehma tal-Qorti, żewġ ipotesijiet:

"(1) li f'każ li tmut qabel żewġha l-ġid li mbagħad iħalli warajh żewġha jintiret speċifikatament minn oħtha u minn oħt żewġha?
jew
"(2) li f' każ li tmut qabel żewġha mill-ġid li imbagħad iħalli warajh oħtha Angiolina tieħu nofs dak il-ġid, u b'hekk hija tkun assigurat ruħha li nofs il-ġid ser jibqa' fil-familja tagħha?

"Din il-Qorti hija tal-fehma li l-interess ta' Maria Refalo aktarx li kien biss li oħtha tieħu nofs il-ġid rimanenti wara l-mewt ta' żewġha jekk dan imut warajha. Ta' ċertu rilevanza f' dan ir-rigward hija l-aħħar parti tal-affidavit tal-konvenuta appellata: "*Jiena kont naf li oħti u żewġha għamlu testment unica charta. Ma kontx preżenti meta sar dan it-testment. Jiena li kont naf kien mingħand oħti. Oħti qaltli li hi ħalliet lili l-ġid u hu ħalla lil oħtu jisimha Mari Ġwann*." (sottolinejar tal-Qorti). Issa Emanuele Refalo mhux talli ffavorixxa lil oħt martu Angiolina Aquilina kif stipulat fit-testment *unica charta*, talli jista' jingħad li

ffavoriha doppjament, għax ħallielha kollox u mhux biss in-nofs tal-ġid.

“Jibqa’ l-fatt pero` li fit-tielet artikolu tat-testment ma teżisti l-ebda ambigwita`, u l-Qrati tagħna dejjem irritenew illi fejn ma hemmx ambigwita` fil-kliem tat-testment, dak li jingħad hu dak li għandu jipprevali u jorbot[5]. U għalkemm huwa wisq probabbli li l-interess ta’ Maria Refalo kien biss li tassigura ruħha li oħtha Angiolina kienet ser tiret nofs il-ġid, f’ każ li hija tkun laħqet mietet qabel żewġha, mid-dispożizzjoni tat-tielet artikolu jirriżulta li x-xewqa ta’ Maria Refalo kienet li nofs il-ġid speċifikatament imur għand oħtha u nofs il-ġid imur għand oħt żewġha. It-testaturi qablu bejniethom li wara mewthom il-ġid kollu kellu jmur għand Angiolina Aquilina u għand Maria Giovanna Refalo, u wiegħdu lil xulxin li dak li jibqa’ l-aħħar kellu jagħmel testment biex jassigura ruħu li wara mewtu hekk isir. Kienet tkun sitwazzjoni differenti li kieku t-tielet artikolu kien jistipula li jekk tmut Maria Refalo l-ewwel, Emanuele Refalo kellu jieħu ħsieb li jagħmel testment biex iħalli nofs il-ġid lil Angiolina Aquilina u li jekk imut Emanuele Refalo l-ewwel, Maria Refalo kellha tieħu ħsieb li tagħmel testment biex tħalli nofs il-ġid lil Maria Giovanna Refalo, u li fil-konfront tan-nofs l-ieħor is-superstiti seta’ jiddisponi kif irid. Iżda t-tielet artikolu ma jgħidx hekk, u ladarba ma jispeċifikax hekk, ma tistax tkun din il-Qorti li tinterpreta dan l-artikolu f’ dan is-sens.

“Għalhekk in vista tad-dispożizzjoni ċara u mhux ambigwa tat-tielet artikolu isegwi li t-tibdil li għamel Emanuele Refalo fit-testment *unica charta* jmur kontra r-rieda ta’ martu u għalhekk għandu jitqies li huwa ddekada mid-drittijiet naxxenti mill-istess kuntratt *unica charta*.

---

[5] “*F’materja ta’ interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispożizzjoni hija ċara, għandha tirċievi l-esekuzzjoni tagħha bħala liġi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volonta` tat-testatur hlief meta l-kliem minnu użat ikunu ċertament kutnrarju għall-volonta` tiegħu*.” **Qorti tal-Appell, Giuseppe Axiak vs Antonio Axiaq et, deċiża fis-26 ta’ Frar 1945.**

**“***Mis-suespost joħroġ li fejn ma hemmx ambigwita` fil-kliem tat-testment, dak li jingħad hu dak li għandu jipprevali u jorbot***” Qorti tal-Appell 149/94 AJM, deċiża fil-31 ta’ Mejju 2002.**

"Għalhekk l-ewwel aggravju huwa fondat għaliex l-ewwel Qorti interpretat it-tielet artikolu tat-testment *unica charta* skorrettement.

"Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 593 u 594 tal-Kodiċi Ċivili (kif kienu prevalenti sa ma l-liġi ġiet emendata bl-Att XVIII.2004)

"L-appellanti jinsistu li ġaladarba Emanuele "ħassar" it-testment *unica charta* b'mod li mar kontra dak li hu u martu wiegħdu 'l xulxin fit-tielet artikolu tal-istess testment, huwa awtomatikament tilef kull vantaġġ li kellu bis-saħħa tal-istess testment fuq l-assi ta' martu Maria Refalo peress li din ma tatux il-fakolta` li jbiddel jew ivarja t-testment.

"Huma jsostnu li l-każ preżenti jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 593(1):

""*Kemm-il darba f'testment unica charta, it-testaturi jkunu ħallew wieħed lill-ieħor, bi proprjeta` jew użufrutt il-ħwejjeġ tagħhom kollha, jew il-biċċa l-kbira tagħhom, it-testatur li jibqa' ħaj wara l-ieħor u li jħassar it-testment kwantu għall-assi tiegħu, jitlef, jekk it-testatur li jmur qabel ma jkunx iddispona xort' oħra, kull jedd li kellu bis-saħħa ta' dak it-testment fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel*".

"Jiċċitaw ukoll min-Noti tal-Professur Caruana Galizia jiġifieri illi:

""*Where such will is made, what is bequeathed by one of the spouses to the other is considered to be the consideration for what is bequeathed to him or her by the other, and therefore, the revocation of the will by one of them ought to bring about automatically the revocation of the dispositions made by the other in favour of the former*."

"Ladarba allura Emanuele Refalo ħassar it-testment *unica charta* li kien għamel flimkien ma' martu, isegwi li huwa ddekada mid-drittijiet li kellu taħt l-istess testment u dan ifisser li huwa fil-fatt ma wirithiex. Kif qalu l-appellanti, id-dekadenza hija waħda awtomatika kemm-il darba jiġu

sodisfatti l-kundizzjonijiet imposti mil-liġi, u ma hemm lok għal ebda eċċezzjoni.

"Għalhekk it-tieni aggravju huwa ukoll fondat għaliex l-ewwel Qorti messha applikat l-Artikolu 594 għall-każ in kwistjoni.

"X'isir allura mill-ġid ta' Maria Refalo ladabra għandu jitqies li Emanuele Refalo ma wirithiex?

"Fl-ewwel lok irid jiġi enfasizzat li minkejja li Emanuele Refalo ddekada mill-jeddijiet li kellu fuq l-assi ta' martu, it-testment li għamel (fejn jirriżulta illi lil oħtu Maria Giovanna Refalo ma ħallielha xejn u minflok ħalla kollox lil oħt martu) jibqa' validu. Għalhekk Maria Giovanna Refalo ma kellha l-ebda dritt fuq is-sehem tal-wirt ta' Maria Refalo, u jsegwi allura li lanqas l-atturi, bħala werrieta ta' Maria Giovanna Refalo, ma għandhom xi dritt fuq is-sehem tal-wirt ta' Maria Refalo.

"Skont l-Artikolu 594, l-assi ta' Maria Refalo, bil-frottijiet kollha minn dak in-nhar tal-mewt tagħha, għandhom jgħaddu għand il-werrieta tagħha maħtura, u fin-nuqqas, għand il-werrieta tagħha leġittimi. Issa l-unika werriet li istitwiet Maria Refalo kien żewġha u hija ma nnominat lil ħadd ieħor biex jiritha f' każ ta' dekadenza da parti tiegħu. Għalhekk f'dan il-każ il-wirt ta' Maria Refalo għandu jiddevolvi lill-qraba tagħha u ċertament mhux lill-atturi appellanti.

"Għandu jiġi rilevat ukoll li fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Jannar 2000, kieku kellu jiġi dikjarat li minħabba dekadenza min-naħa ta' Emanuele Refalo dan huwa validu biss fir-rigward tas-sehem ta' Emanuele Refalo, u li mhux wkoll validu fir-rigward tas-sehem ta' Maria Refalo, xorta waħda ma jsegwix li dik l-parti tal-beni li ġew trasferiti "invalidament" lil Angiolina Aquilina kienu ser jispiċċaw għand l-atturi appellanti. Dak is-sehem tal-beni trasferiti li jirrappreżenta is-sehem ta' Maria Refalo, *se mai* jiġi li jmiss lill-qraba tagħha u mhux lill-atturi appellanti.

"Jirriżulta għalhekk li l-atturi appellanti bħala werrieta leġittimi ta' Maria Giovanna Refalo ma għandhom l-ebda konnessjoni mas-sehem tal-wirt ta' Maria Refalo kif qegħdin jippretendu.  Għalhekk, għalkemm din il-Qorti sejra tilqa' l-appell tagħhom fir-rigward taż-żewġ aggravji kif esposti minnhom, ma tistax tilqa' l-ewwel talba tagħhom u wisq anqas ma hi se tirrinvija l-atti mill-ġdid quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiża fir-rigward taż-żewġ talbiet l-oħra, kif qegħdin jitolbu fir-rikors tal-appell tagħhom.

"Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara li ż-żewġ aggravji tal-appellanti huma fondati peress li b'dak li għamel Emanuele Refalo huwa ddekada mill-benefiċċju tat-testment, iżda tiċħad l-ewwel talba u tiċħad ukoll it-talba tagħhom biex tirrinvija mill-ġdid l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiża fir-rigward taż-żewġ talbiet l-oħra, minħabba li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn l-atturi appellanti u l-wirt ta' Maria Refalo.

"Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanti."

Kif inghad, Victor Xuereb titlob li dik is-sentenza tithassar, fl-ewwel lok, peress li, skont hi, kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi.  Fir-rikors tispjega l-lanjanza taghha b'dan il-mod:

"Illi l-ligi zbaljata li applikat is-sentenza hija l-enuncjazzjoni u l-konkluzjoni illi minkejja d-dekadenza ta' Emanuele Refalo mill-wirt ta' martu Maria Refalo, it-testment tieghu favur Angiolina Aquilina u mhux favur Angiolina Aquilina u Maria Giovanna Refalo baqa' validu."

Din il-Qorti tara li r-rikorrenti ma wrietx x'ligi kellha tapplika l-Qorti u dan, wahdu, ghandu jwassal ghac-cahda tat-talbiet taghha.  Inoltre jidher car li din il-Qorti ma applikatx ligi flok ohra, izda korrettement applikat l-Artikoli 593 u 594 tal-Kodici Civili u interpretat l-istess skont ic-cirkostanzi ta' fatt li rrizultaw.  Huwa principju maghruf illi ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni fuq interpretazzjoni tal-ligi,

u din l-interpretazzjoni tibqa' torbot u titqies valida anke jekk din il-Qorti, kif differentement komposta, tista' ma taqbilx ma' dik il-veduta.

F'dan il-kaz din il-Qorti zzid billi tghid li ma ssib xejn "hazin" dwar il-mod ta' kif din il-Qorti trattat dan il-kaz. Partikolarment, is-segwenti pronunzjamenti ta' fatt u dritt li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza taghha huma korretti:

*"(i) Mid-dispozizzjoni tat-tielet artikolu jirrizulta li x-xewqa ta' Maria Refalo kienet li nofs il-gid specifikatament imur ghand ohtha u nofs il-gid imur ghand oht zewgha;*

*"(ii) It-tibdil li ghamel Emanuele Refalo fit-testment unica charta jmur kontra r-rieda ta' martu u ghalhekk ghandu jitqies li huwa ddekada mid-drittijiet naxxenti mill-istess kuntratt unica charta;*

*"(iii) Ladarba allura Emanuele Refalo hassar it-testment unica charta li kien ghamel flimkien ma' martu, isegwi li huwa ddekada mid-drittijiet li kellu taht l-istess testment u dan ifisser li huwa fil-fatt ma wirithiex;*

*"(iv) Li minkejja li Emanuele Refalo ddekada mill-jeddijiet li kellu fuq l-assi ta' martu, it-testment li ghamel (fejn jirrizulta illi lil ohtu Maria Giovanna Refalo ma hallielha xejn u minflok halla kollox lil oht martu) jibqa' validu*.

Dawn huma esposizzjonijiet korretti ta' fatt u dritt applikabbli ghall-kaz, u din il-Qorti kienet korretta meta ghamlet dawn l-enuncjazzjonijiet ghax hekk kien mehtieg biex tigi rizolta l-kwistjoni mressqa ghal quddiemha. Kif kienet impostata l-kawza, din il-Qorti bilfors li kellha taghmel l-ahhar pronunzjament imsemmi, peress illi l-atturi kienu qed jippretendu sehem mill-wirt tal-mejta Maria Refalo bhala werrieta ta' Giovanna Refalo, u, allura, din il-Qorti kellha, fl-ewwel lok, tiddeciedi li t-testment li ghamel wahdu Emanuel Refalo hu validu, u mill-assi tieghu huma, bhala aventi kawza minn Giovanna Refalo, ma wirtu xejn.

Din il-Qorti, imbaghad, kompliet tghid li mill-wirt ta' Maria Refalo, l-atturi lanqas ma wirtu ghax:
*"il-wirt ta' Maria Refalo ghandu jiddevolvi lill-qraba taghha u certament mhux lill-atturi appellanti".*

Anke hawn din il-Qorti ghamlet espozizzjoni korretta tal-fatti u l-ligi applikabbali. Kif qalet din il-Qorti, l-unika werriet li hatret Maria Refalo kien zewgha u hija ma hatret lil hadd iehor biex jiritha f'kaz ta' dekadenza da parti tieghu. Fit-testment *unica charta* l-konjugi Refalo hatru lil xulxin werrieta universali tal-beni taghhom, u kien "it-testatur superstiti" li nnomina lil Angiolina Aquilina u lil Maria Giovanna Refalo bhala werrieta fi kwoti ugwali. Din l-ahhar parti, is-superstiti bidilha, u b'hekk iddekada mid-drittijiet li akkwista minghand martu, izda martu ma pprovdiet xejn ghall-kaz li l-werriet nominat taghha jiddekadi jew ma jkunx jista' jiret. It-testment jghid li lill-premorjent jirtu persuna partikolari (zewg jew mart id-decujus), izda x'jigri mill-wirt tal-premorjent f'kaz li dik il-persuna partikolari ma jiretx, ma giex provdut. Ghalhekk, il-wirt tal-premorjent (f'dan il-kaz Maria Refalo) jghaddi skont il-ligi ghand il-qraba taghha.

Ir-riserva fl-Artikolu 594 tal-Kodici Civili, li invokat ir-rikorrenti, ma tapplikax ghax bhala fatt, l-ewwel decujus ma ddisponietx xort' ohra dwar x'jigri mill-wirt taghha. Hi halliet eredi lil zewgha Emanuele u waqfet hemm; kien biss is-superstiti li nnomina lil ohtha bhala werrieta. Ir-riserva fl-Artikolu 594 "jekk hija stess ma tkunx iddisponiet xort' ohra", ma tirriferix ghal *facolta` di variare* li testaturi f'testment *unica charta* jistghu jikkoncedu lil xulxin, kif tissottometti r-rikorrenti, izda, fil-kuntest tal-artikolu shih, tfisser li l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel imorru ghand il-werrieta mahtura, jew fin-nuqqas, ghand il-werrieta legali, sakemm it-testatur ma jipprovdix xort' ohra – dejjem, pero`, fil-kuntest tal-assi tieghu. F'dan il-kaz, it-testatrici li mietet l-ewwel ma ddisponietx xort' ohra dwar l-assi taghha f'kaz li l-werriet mahtur ma jaccettax il-wirt, ma jkunx jista' jiret jew ghal xi raguni jiddekadi, u minkejja x-xewqa taghha, isegwi li allura jidhlu l-qraba taghha skont il-ligi. Ix-"xewqa" tat-testatur trid tkun espressa fit-

testment biex din tigi mwettqa, u jekk ma jkunx hekk, il-qrati ma jistghux jinforzaw l-istess.

Din kienet l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lit-testment tal-konjugi Refalo fid-dawl tal-ligi applikabbli ghall-kaz, u anke kieku din il-Qorti ma kellhiex taqbel ma' din l-interpretazzjoni, xorta wahda ma kienx ikun il-kompitu ta' din il-Qorti li tippreferi l-opinjoni taghha ghal dik minnha espressa qabel meta din il-Qorti kienet komposta differentement.

Ghall-istess raguni, ma jistax jinghad li din il-Qorti marret extra jew ultra petita, ghax l-atturi talbu li jigi dikjarat illi huma, bhala werrieta tal-mejta Giovanna Refalo, ghandhom drittijiet li jirtu u jissucciedu f'sehem mill-wirt tal-mejta Maria Refalo, u dak li ddecidiet din il-Qorti kien precizament illi qalet li l-atturi ma ghandhomx dritt li jippretendu dan is-sehem, u allura cahdet it-talba taghhom ghad-dikjarazzjoni mitluba.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta' Victoria Xuereb ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2010, u ghar-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti Victoria Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------